C/2024/2118

11.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11497 – CIP / MIESCOR / PHPL / PHC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2118)

1. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Connect Infrastructure Pte. Limited ("CIP", Singapore), ta' Stonepeak group li huwa kkontrollat minn Michael Dorrell,

— Meralco Industrial Engineering Services Corporation ("MIESCOR", il-Filippini), ikkontrollata minn Pilipinas Enterprise Management Holdings, Inc., (il-Filippini),

— PTCI Holdings Pte. Limited ("PHPL", Singapore), ikkontrollata b'mod konġunt minn Macquarie Group Ltd. (l-Awstralja), u Global Network Inc. (l-Emirati Għarab Magħquda),

— Pylon Holdings, Corp. ("PHC", il-Filippini).

CIP, MIESCOR, u PHPL se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' PHC.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CIP hija kumpanija azzjonarja ta' investiment li, flimkien ma' MIESCOR, tikkontrolla b'mod konġunt MIESCOR Infrastructure Development Corporation ("MIDC"), korporazzjoni involuta fin-negozju tal-lokazzjoni ta' spazju fuq it-torrijiet tat-telekomunikazzjoni fil-Filippini.

— MIESCOR hija primarjament involuta fis-servizzi tal-inġinerija, tal-kostruzzjoni u tad-disinn.

— PHPL hija kumpanija azzjonarja ta' investiment. Indirettament għandha 100 % ta' Phil-Tower Consortium Inc. ("PTCI"), korporazzjoni involuta fin-negozju tal-lokazzjoni ta' spazju fuq it-torrijiet tat-telekomunikazzjoni fil-Filippini.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża PHC huma dawn li ġejjin: Il-kumpanija hija entità li għadha kemm inħolqot li se tkompli topera n-negozji eżistenti ta' MIDC u ta' PTCI, jiġifieri l-lokazzjoni ta' spazju fuq it-torrijiet tat-telekomunikazzjoni fil-Filippini.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11497 – CIP / MIESCOR / PHPL / PHC

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË